TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/13/16/S

Raymond Apap
Vs
Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marble Centre

Illum 5 ta'Mejju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Raymond Apapipprezentata fid-19 ta'Jannar,2016 filwaqt li Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marble Centre, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher quddiem dan it-Tribunal;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni maghmula fl-14 t'April,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xoghol ta'irham li fih diversi nuqqasijiet inkluz qisien hziena, 'overcharging', 'grouting' ohxon iz-zejjed u tbajja fuq l-istess irham;

Illi jinghad mal-ewwel li Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marble Centre naqas milli jwiegeb ghat-talba rikorrenti u lanqas deher ghas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik rikorrenti li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma tfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega kif wasal ghat-talba mitluba u pprezenta kopji tal-ircevuti u dokumentazzjoni relattiva;

Illi min-naha l-ohra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Raymond Apap u Jordna lil Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marble Centre ihallas lil Raymond Apap is-somma mitluba ta' €1100, bl-imghax minn Awwissu,2015 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mill-intimat Victor Galea ezercenti l-kummerc bhala Tiles & Marble Centre.

Richard Sladden Av.
Arbitru